MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum is-27 ta' Diċembru, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1904/2018 LM

**Av. Paul Micallef Grimaud (K.I. Numru 67579M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà Ingliża Global Multimedia Investment (UK) Limited, kif ukoll ta' Najib Abou Hamze, ċittadin Libaniż (Numru ta' Passaport Libaniż LR 0198311)**

***vs.***

**Snapparazzi Limited (C86876) u Damien Larquey (Passaport Franċiż bin-Numru 16CT48277) ta' 6, Lieu Dit Mouleyre, 33410 Cardan, Franza.**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti l-avukat Paul Micallef Grimaud (ID 67579M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà **Global Multimedia Investment (UK) Limited** u

ta' **Najib Abou Hamze,** ċittadin Libaniż (Numru ta' Passaport Libaniż LR0198311) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li ġie ppreżentat fit-23 ta' Novembru, 2018, li jgħid:

*Illi r-rikorrenti għandhom interess li jitħarsu l-jeddijiet tagħhom;*

*Illi r-rikorrenti, sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, jixtiequ jżommu lill-intimati hawn fuq imsemmija milli:*

*1. Joffru, joħorġu u/jew jassenjaw "tokens" lil terzi li jkunu ħallsu għal dawn it-tokens, fl-isfond tal-Initial Coin Offering (ICO) marbut mal-prodott imsejjaħ "Snapparazzi" offrut u kummerċjalizzat mis-soċjetà konvenuta;*

*2. Ikomplu jippubliċizzaw, jikkummerċjalizzaw u/jew jiżviluppaw il-prodott illum imsejjaħ "Snapparazzi" jew xi prodott li għandu l-istess funzjonalitajiet tiegħu;*

*3. Jużaw, jużurpaw u/jew iqassmu lil terzi dokumentazzjoni jew tagħrif miksub mir-rikorrenti b'mod dirett u/jew indirett fir-rigward tal-prodott tar-rikorrenti magħruf bl-isem ta' "MoneyCam", jew b'xi mod ieħor jivvjolaw l-obbligi fiduċjarji tagħhom fil-konfront tar-rikorrenti;*

*4. Jużaw, jaċċessaw u/jew jittrasferixxu l-assi, inkluż kontijiet bankarji, kemm fiżiċi kif ukoll elettroniċi (inklużi wallets) u l-flus (kemm f'FIAT u f'e-money) f'dawn il-kontijiet, appartenenti lis-soċjetà konvenuta, jew li qed jinżammu f'isem is-soċjetà konvenuta;*

*5. Jużaw, jaċċessaw u/jew jittrasferixxu l-assi jew il-benefiċċji magħmula in konnessjoni mal-prodott "Snapparazzi".*

*6. Illi in vista tal-preġudizzju gravi illi qegħdin isofru r-rikorrenti ma' kull ġurnata li tgħaddi u li fiha l-intimati qed ikomplu bl-aġir doluż tagħhom, kif hawn deskritt, dan il-mandat għandu jintlaqa' proviżorjament b'effett immedjat.*

*Illi fix-xhur li għaddew, ir-rikorrenti żviluppaw il-prodott, kunċett u l-business case marbut ma' applikazzjoni teknoloġika li permezz tagħha persuni komuni jistgħu jieħdu ritratti u/jew jiġbdu videos minn fuq il-mobile tagħhom u jbiegħu dawn ir-ritratti u/jew videos lill-midja, ġurnali u/jew websites elettroniċi tal-aħbarijiet, u*

*jitħallsu tagħhom b'mod faċli u prattiku permezz tal-użu ta' teknoloġija maħluqa minn, u li tappartjeni lir-rikorrenti. Il-prodott tar-rikorrenti ngħata l-isem ta' "MoneyCam";*

*Illi r-rikorrenti żviluppaw, bil-ħila u a spejjeż kbar tagħhom, it-teknoloġija li biha din l-idea setgħet tiġi introdotta fis-suq;*

*Illi r-rikorrenti saħansitra applikaw biex jipproteġu din l-invenzjoni tagħhom permezz ta' privattiva taħt it-Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi, skont liema Trattat Malta (bħala membru stat tal-Unjoni Ewropeja) hija waħda mid-diversi pajjiżi li toffri protezzjoni lill-privattivi rreġistrati skont dan it-Trattat (ara Dok. A);*

*Illi r-rikorrenti ngaġġaw professjonalment grupp ta' persuni Franċiżi, fosthom il-konvenut Damien Larquey, Serge Regnier u Romain Gerlando Chairamonte, li kienu qed jitmexxew u/jew jiġu koordinati minn ċertu Bouri Hakim, ukoll ta' nazzjonalità Franċiża (b'passaport numru 13BE77762) biex dawn jiżviluppaw għar-rikorrenti l-pjattaforma diġitali, u jlestu l-preparamenti neċessarji, biex ir-rikorrenti jkunu jistgħu joħorġu b'Initial Coin Offering (ICO) biex joffru għall-bejgħ tokens lill-pubbliku, fil-kuntest tal-prodott tagħhom. Dan kien jippermetti lir-rikorrenti jiġbru investimenti mill-pubbliku sabiex ikomplu jiffinanzjaw il-proġett tagħhom;*

*Illi r-rikorrenti nefqu miljuni ta' Euro fl-iżvilupp tal-prodott tagħhom, u ddedikaw ħafna ħin u riżorsi fil-kreazzjoni tal-proprjetà intellettwali tagħhom. Ir-rikorrenti nefqu ammont sostanzjali ukoll f'fees li tħallsu lil Hakim, Larquey, Regnier u Chairamonte u spejjeż relatati mal-ingaġġ tal-istess Hakim, Larquey, Regnier u Chairamonte. Dan jirriżulta mid-diversi fatturi u rċevuti li jinsabu hawn annessi bħala Dok. B1, B2, u B3;*

*Illi, fil-kors tal-kooperazzjoni tar-rikorrenti mal-imsemmija persuni tul l-aħħar xhur, dawn il-persuni ngħataw aċċess għall-informazzjoni kollha kummerċjalment sensittiva tar-rikorrenti, li tikkonsisti f'trade secrets u propjeta' intellettwali, inkluż id-drittijiet tal-awtur fuq il-materjali tagħhom, u rigwardanti t-teknoloġija li fuqha r-rikorrenti applikaw għal privattiva, kif ġja ngħad;*

*Illi dawn il-persuni kellhom l-obbligu, skont il-liġi, fost oħrajn l-Artikoli 1124A u 1124B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u t-Trade Secrets Act (Kap. 589 tal-Liġijiet ta'*

*Malta), li jżommu din l-informazzjoni kunfidenzjali u jużawha biss fil-kors tas-servizzi li kienu qed joffru lir-rikorrenti;*

*Illi ġara, iżda, li r-rikorrenti saru jafu illi l-konvenut Larquey u sħabu użaw din l-informazzjoni kollha li kisbu dwar il-prodott u t-teknoloġija tar-rikorrenti biex joħolqu kumpanija Maltija (is-soċjetà konvenuta) biex din, imbagħad, toħroġ Initial Coin Offering għal prodott ikkupjat abbużivament minn dak tar-rikorrenti;*

*Illi, fil-fatt, jirriżulta mill-Memorandum and Articles of Association tas-soċjetà konvenuta (ara Dok. C) illi l-oġġett prinċipali tas-soċjetà konvenuta Snapparazzi Ltd huwa "The company will raise funds via an ICO that will allow it to develop, market and provide a smart phone application that allows users to upload content of video or photo. The content will then be available for sale to the media and public client, whereby the content creator will be remunerated in crypto currency in accordance with such permits or licences as may be required by law;"*

*Illi dan huwa proprju l-iskop li kellhom ir-rikorrenti u r-raġuni għaliex ġew ingaġġati Larquey u sħabu mir-rikorrenti, u cioe biex jassistuhom fil-ħruġ ta' ICO. Larquey u sħabu ma kinux ingaġġati biex jassistu fit-teknoloġija u l-iżvilupp tal-prodott. Huma ma jaħdmux f'dan is-settur teknoloġiku, b'differenza għar-rikorrenti;*

*Illi ħarsa lejn il-White Paper li ġiet żviluppata għar-rikorrenti għall-ħruġ tal-ICO tagħhom, u l-White Paper li ġiet pubblikata mill-intimati, fil-fatt juri kif il-prodott "Snapparazzi" huwa kopja tal-prodott "MoneyCam" tar-rikorrenti (ara Dok. D1 u D2);*

*Illi allura, fil-waqt li l-konvenut Larquey u sħabu qatt ma wettqu l-inkarigu tagħhom mar-rikorrenti, bi ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħhom, serqu u miżappropprjaw il-proprjetà intellettwali (inkluż drittijiet tal-awtur), dokumenti kunfidenzjali, u l-idejat tar-rikorrenti biex huma stess joħorġu fis-suq bil-prodott tar-rikorrenti, iżda taħt l-isem differenti ta' "Snapparazzi", u dan permezz tal-kumpanija konvenuta li ffurmaw Malta;*

*Illi l-intimati ma kinux jistgħu jagħmlu dan li kieku ma kinux kisbu l-informazzjoni kunfidenzjali (inkluż business plans u informazzjoni dwar it-teknoloġija protetta mill-privattiva li r-rikorrenti kienu applikaw għaliha) tar-rikorrenti;*

*Illi dan fuq riportat huwa kollu kkonfermat minn Bouri Hakim, li kien il-kuntatt prinċipali bejn Larquey u sħabu u r-rikorrenti, u dan permezz ta' "attestation" tal-istess Hakim (ara Dok. E);*

*Illi jirriżulta mis-sit elettroniku ta' "Snapparazzi" kif ukoll il-Memorandum and Articles of Association tas-soċjetà konvenuta illi Damien Larquey huwa direttur tas-soċjeta konvenuta u "co-founder" ta' "Snapparazzi".*

*Illi mis-sit elettroniku ta' "Snapparazzi" (ara Dok. F1) u siti oħrajn (Dok. F2) jirriżulta illi dan il-prodott li qed jiġi reklamat mill-konvenuti, u li fir-rigward tiegħu ħareg l-Initial Coin Offering, ġja rnexxielu jiġbor mill-pubbliku l-investiment ta' 'l fuq minn għaxar miljun Dollaru Amerikan;*

*Illi għalhekk hemm il-ħtieġa li l-intimati jiġu mġiegħla b'urġenza minn din il-Qorti jieqfu immedjatament mill-azzjonijiet kollha li qed jagħmlu fir-rigward tal-prodott "Snapparazzi" li jledu bis-sħiħ id-drittijiet tar-rikorrenti u jikkostitwixxu profitt minn azzjonijiet illegali, frawdolenti u bi ksur tal-obbligi fiduċjarji, fil-konfront tar-rikorrenti.*

*Illi ai termini tal-Artikoli 1124A(1)(c), (2) u (3) tal-Kap. 16, kif emendati permezz tal-Att XXXVI tal-2018, l-intimati huma fiduċjarji fil-konfront tar-rikorrenti. Qua fiduċjarji l-istess intimati għandhom, fost oħrajn l-obbligi (ai termini tal-Artikolu 1124A(4)) li:*

- *Jeżerċitaw id-diliġenza ta' bonus pater familias fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji tagħhom;*

- *Ma jidħlux f'kunflitti ta' interess jew kunflitt ta' fiduċja jew obbligazzjonijiet fiduċjarji;*

- *Ma jirċevux xi profitt mhux dikjarat jew mhux awtorizzat mill-kariga jew funzjonijiet tagħhom, kif lanqas ma għandhom jippermettu lil xi persuna oħra li tagħmel dan, jew li jidħlu f'xi transazzjoni relatata, direttament jew indirettament, sakemm ma jkunux awtorizzati li jagħmlu dan permezz tal-istrument li joħloq l-obbligazzjoni fiduċjarja;*

- *Iżommu kull proprjetà li tista' tkun akkwistata jew miżmuma bħala fiduċjarji, segregata mill-proprjetà personali tagħhom u li jwettqu bidla fir-reġistrazzjoni ta' kwalunkwe proprjetà rilevanti, kif jista' jkun meħtieġ għal dan il-għan;*

- *Jirritornaw fuq talba li ssirilhom kull proprjetà miżmuma taħt obbligazzjonijiet fiduċjarji lill-persuna li leġittimament hija intitolata għaliha jew kif ordnat minnha jew kif xort'oħra mitlub mill-istrument bil-miktub li jirregola l-obbligazzjoni fiduċjarja jew mil-liġi applikabbli, u għal dan il-għan, li jeżegwixxu dawn l-arranġamenti, inkluż kull kuntratt pubbliku, jew strumenti oħra u, jew li jwettqu bidla fir-reġistrazzjoni ta' kwalunkwe proprjetà rilevanti, kif jista' jkun meħtieġ;*
- *Iżommu kunfidenzjali l-affarijiet tal-persuna li lilha huma dovuti d-dmirijiet fiduċjarji;*

*Illi r-rikorrenti għandhom l-interess illi dawn l-obbligi fiduċjarji jiġu rispettati mill-intimati minkejja li dawn diġa kisruhom, u qed jibqgħu jiksruhom, kif ġja ntqal;*

*Illi r-rikorrenti għandhom ukoll l-interess li jeżerċitaw ir-rimedji tagħhom fil-konfront tal-proprjetà miżmuma mill-intimati għall-beneficcju tagħhom, ai termini tal-Artikolu 1124A (5) sa (8), liema proprjeta tinkludi kull benefiċċju li l-intimati għamlu mill-ksur tal-obbligi fiduċjarji tagħhom, u ċioe tinkludi l-flus kollha u proprjetà kollha tas-soċjetà konvenuta għax dak kollu li għamlet is-soċjetà konvenuta kien bi ksur tad-drittijiet fiduċjarji tagħha lejn ir-rikorrenti;*

*Illi bla ħsara għas-suespost il-prodott tar-rikorrenti qed jiġi mpattat b'mod negattiv anke billi l-oriġinalita' tal-prodott tar-rikorrenti issa ma għadhiex teżisti. Dan qed ikollu effett drastiku ta' dilution fir-rigward tal-prodott tar-rikorrenti li, kif issa ser joħorġu fis-suq, m'humiex ser jintlaqgħu bl-istess impatt pożittiv u innovattiv li kien ser ikollhom. Dan l-effett negattiv qed ikompli jikber ma' kull ġurnata li tgħaddi u li fiha l-prodott "Snapparazzi" jibqa' jidher u jiġi publiċizzat;*

*Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponenti għandhom ukoll kull dritt u interess illi jillimitaw id-danni li qed isofru, kif ukoll li jfittxu lill-intimati għad-danni kaġunati lilhom frott tad-dolo tal-istess intimati u għalhekk ir-rikorrenti qed jirriservaw favur tagħhom dawn id-drittijiet .*
*Illi, is-soċjeta' rikorrenti se tiġi preġudikata rrimedjabbilment jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad hawn fuq;*

*Għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżżomm lill-intimati milli jkomplu jagħmlu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Novembru, 2018 fejn laqgħet it-talba provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12

Rat ir-Risposta tas-soċjetà intimata **Snapparazzi Limited** (C86876), li tgħid kif ġej:

*1. Illi t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tas-soċjetà esponenti hi frivola u vessatorja u qed tirreka danni inġenti lis-soċjetà esponenti u għalhekk għandha tiġi miċħuda in kwantu infondata fil-fatt u fid-dritt;*

*2. Illi m'hemm l-ebda ness ġuridiku bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà esponenti in kwantu ma teżisti l-ebda relazzjoni kuntrattwali jew quasi-kuntrattwali mal-istess soċjetà. Is-soċjeta' esponenti qatt ma ġiet ingaġġata mir-rikorrenti jew min minnhom u qatt ma rċeviet informazzjoni rigwardanti l-prodott 'MoneyCam' la mingħand ir-rikorrenti u wisq anqas mingħand terzi, la direttament u anqas indirettament;*

*3. Illi għalhekk m'hemm l-ebda obbligi fiduċjarji jew obbligi oħrajn eżistenti bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà esponenti li a bażi tagħhom hi impernjata din it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tas-soċjetà esponenti u kwindi tali talba għandha tiġi miċħuda fil-konfront tas-soċjetà esponenti;*

*4. Illi r-rikorrent Najib Abou Hamze irid jipprova l-interess tiegħu fil-prodott 'MoneyCam';*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, m'huwiex minnu li l-prodott tas-soċjetà esponenti u ċioè 'Snapparazzi' hu kopja tal-prodott 'MoneyCam' u dan in kwantu fl-ewwel lok il-prodott 'Snapparazzi' hu prodott maħluq indipendentement mill-prodott 'MoneyCam' tant illi fil-fatt ix-xogħol fuq il-prodott 'Snapparazzi' inbeda fis-sena 2017 u għalhekk ferm qabel l-allegat 'serq' tal-informazzjoni u/jew proprjeta' industrijali rigwardanti l-prodott 'MoneyCam' kif allegat mir-rikorrenti; fit-tieni lok il-kunċett u l-mudell tal-prodott 'Snapparazzi' mhuwiex esklussiv, anzi jeżistu hafna aktar prodotti fis-suq li huma simili għal 'Snapparazzi', fosthom YouTube, Reporter, Newsflare, Twitch, Verasity, Bittube u oħrajn, li bażikament huma video platforms;*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif tajjeb ingħad fir-rikors promotur, il-prodott tas-soċjetà esponenti ġie reklamat fis-suq u fir-rigward tiegħu nħarġet ICO b'ammont sostanzjali ta' flus li ġie miġbur mis-soċjeta' esponenti in kwantu investimenti minn terzi fis-suq. Kwindi s-soċjeta' esponenti hi obbligata versu dawn it-terzi, inter alia sabiex tassenja t-tokens relattivi. Għalhekk, il-preġudizzju li ġia qed issofri s-soċjeta' esponenti b'riżultat tal-fatt li l-mandat odjern ġie milqugħ provviżorjament u l-preġudizzju li se tkompli ssofri s-soċjetà esponenti fl-agħar ipotesi li tali mandat jintlaqa' b'mod finali minn din l-Onorabbli Qorti hu ferm sproporzjonat a dannu tas-soċjeta' esponenti meta mqabbel mad-danni li allegatament se jsofru r-rikorrenti jew min minnhom f'każ li t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ma tintlaqax b'mod definittiv;*

*7. Illi ma jirriżultax li dan il-mandat hu meħtieġ sabiex jitħarsu d-drittijiet tar-rikorrenti, jew min minnhom, in kwantu xejn ma jidher li qiegħed iwaqqaf lir-rikorrenti, jew min minnhom, milli joħorġu l-ICO kif minnhom allegatament ippjanat. Bid-dovut rispett, it-talba tar-rikorrenti hi msejsa fuq l-allegazzjoni frivola u inveritiera li l-oriġinalità tal-prodott tagħhom m'għadhiex teżisti u li jista' jkun hemm effett ta' dilution fir-rigward tal-istess prodott. Pero' din hi biss allegazzjoni mhux ippruvata u mhux fattwali. Se mai, wieħed jistenna li r-rikorrenti jew min minnhom joħorġu l-ICO u jekk ir-riżultat ikun kif minnhom allegat ikollhom id-dritt li jressqu talba għal danni, dejjem jekk jirnexxielhom jippruvaw dak minnhom allegat fir-rigward tal-bqija. Għaldaqstant, m'hemm l-ebda preġudizzju irrimedjabbli x'jiġi soffert mir-rikorrenti jew min minnhom f'każ li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax b'mod definittiv it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif minnhom imressaq.*
*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, ma jissussistux l-elementi preskritti mill-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk it-talbiet rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

Rat ir-Risposta tal-intimat **Damien Larquey** (Passaport Franċiż Numru 16CT48277), li tgħid kif ġej:

1. *Illi t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-esponenti hi frivola u vessatorja u qed tirrekalu danni inġenti u għalhekk għandha tiġi miċħuda in kwantu infondata fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, l-esponenti ma ġiex ingaġġat mir-rikorrenti jew min minnhom iżda ġie ingaġġat minn terza persuna u ċioe' Hakim Bouri, kif ikkonfermat minnu stess. M'huwiex minnu li l-esponenti ġie ingaġġat mir-rikorrenti flimkien ma' terzi u li dawn tmexxew u ġew koordinati minn Hakim Bouri. Fil-fatt l-esponenti ma jaf lil ħadd mit-terzi l-oħra msemmija fir-rikors, bl-eċċezzjoni ta' Serge Regnier. L-esponenti, li hu konsulent indipendenti, ġie ingaġġat direttament minn Hakim Bouri, u ħadem b'mod indipendenti mit-terzi l-oħra kollha msemmija, tant li m'hemm l-ebda fattura li nħarġet mill-esponenti lir-rikorrenti jew min minnhom u ma sar l-ebda ħlas mir-rikorrenti jew min minnhom lill-esponenti. L-esponenti ħareġ il-fatturi tiegħu lil Hakim Bouri u (wara ħafna dewmien u dilungar da parte tal-istess Bouri) finalment tħallas ta' xogħlu. In oltre, m'hemm l-ebda ftehim, la verbali u wisq anqas in iskritt, bejn ir-rikorrenti jew min minnhom u l-esponenti. Għalhekk, m'hemm l-ebda relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-esponenti;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, m'huwiex minnu li, fil-kors tal-ingaġġ tiegħu da parte tal-imsemmi terz Hakim Bouri, l-esponenti ingħata jew ġie a konoxxenza ta' trade secrets jew informazzjoni oħra relattiva għall-prodott tar-rikorrenti jew min minnhom bl-isem MoneyCam. L-esponenti ġie ingaġġat limitatament sabiex jgħin fl-ICO u mhux fil-produzzjoni, disinn jew kwalunke xogħol ieħor relatat mat-teknoloġija tal-istess prodott. Ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova, lanqas prima facie, li turi li l-esponenti ingħata jew ġie a konoxxenza ta' xi informazzjoni rigwardanti l-prodott MoneyCam, kif allegat mir-rikorrenti, multo magis ma tressqet l-ebda farka ta' prova li l-esponenti seraq jew misapproprja l-istess informazzjoni. Bid-dovut rispett, hu bil-wisq faċli għar-rikorrenti li jressqu pretensjoni tant serja fil-konfront tal-intimati u jissoġġettaw l-istess intimati għal danni serji mingħajr ma jressqu, imqar fuq bażi prima facie, provi sabiex din il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba tagħhom għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li kif inhu magħruf hi għodda ta' natura eċċezzjonali u m'għandhiex tintuża b'mod abbużiv sabiex tirwi id l-intimati biex tasal u tottjeni dak li tixtieq;*

4. *Illi fil-fatt, u kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, l-esponenti ma ingħatax u ma iex a konoxxenza ta' ebda informazzjoni relattiva għall-prodott MoneyCam, la dwar it-teknia tagħa u wisq anqas dwar trade secrets oħra relattivi għall-istess prodott. L-informazzjoni li ġie a konoxxenza tagha kienet*

*dejjem limitata għal dak li hu meħtieġ sabiex ikun jista' jagħti l-pariri professjonali tiegħu fir-rigward tal-ICO u xejn iżjed;*

5. *Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, m'huwiex minnu li l-prodott 'Snapparazzi' hu kopja tal-prodott 'MoneyCam'. Il-prodott 'Snapparazzi' hu prodott maħluq indipendentement mill-prodott 'MoneyCam' tant illi x-xogħol fuq il-prodott 'Snapparazzi' inbeda fis-sena 2017 u għalhekk ferm qabel l-allegat 'serq' tal-informazzjoni u/jew proprjetà industrijali rigwardanti l-prodott 'MoneyCam' kif allegat mir-rikorrenti. F'Ottubru 2017 l-esponenti kien fil-fatt ġia ingaġġa lil terzi, u ċioe' s-socjeta' LZine Technologies FZ-LLC, għall-finijiet ta' konsultazzjoni u ċioe' feasibility for Blockchain based sharing platform with decentralised server for content delivery storage, relattivament għall-istess prodott, kif jirriżulta mid-dokument hawn anness bħala Dok. A. Għalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-esponenti ingħata jew seraq informazzjoni dwar il-prodott tagħhom MoneyCam fis-sena 2018, uża l-istess informazzjoni sabiex jikkopja tali prodott u joħroġ ICO ftit xhur wara fir-rigward ta' prodott ieħor Snapparazzi, hi waħda frivola, inveritiera u li ma treġix;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, minn ħarsa anke leġġera tal-informazzjoni disponibbli pubblikament u anke mid-dokumentazzjoni relattiva għall-applikazzjoni għal patent esebita mir-rikorrenti mar-rikors promotur rigwardanti l-prodott MoneyCam, jirriżultaw differenzi bażiċi bejn iż-żewġ prodotti MoneyCam u Snapparazzi, mertu tal-mandat odjern. Dawn id-differenzi huma hawn elenkati fid-dokument anness bħala Dok. B, minn fejn jirriżulta li l-kunċett wara ż-żewġ prodotti hu fundamentalment differenti in kwantu fil-każ ta' Snapparazzi (bħal fil-każ ta' YouTube u prodotti oħra simili) dan m'hu xejn ħlief video platform li jippermetti lill-utenti tiegħu li jtellgħu fuqu b'mod pubbliku videos, ritratti u kontenut ieħor tagħhom sabiex ikun jista' jixxandar pubblikament. Fil-każ ta' MoneyCam, jirriżulta li l-kontenut bħal videos jew ritratti jittieħdu esklussivament meta l-utent ikun qiegħed juża l-applikazzjoni (app) MoneyCam b'mod li kif l-utent jieqaf jiġbed ir-ritratt jew video, dan jittella' b'mod awtomatiku fuq is-servers ta' MoneyCam u wara proċess magħmul mit-teknoloġija tal-istess prodott, tali kontenut jiġi verifikat u jingħata prezz. Għalhekk, filwaqt li fil-każ ta' Snapparazzi l-copyright tal-kontenut hu u jibqa' tal-utent, fil-każ ta' MoneyCam il-kontenut hu proprjeta' ta' MoneyCam. Id-differenza bażika hi li fil-każ ta' MoneyCam teżisti teknoloġija esklussiva għall-proċess hawn fuq deskritt, pero' fil-każ ta' Snapparazzi, bħal fil-każ ta' YouTube,*

*Reporter, Newsflare, Twitch, Verasity, Bittube u oħrajn (vide Dok. C), it-teknoloġija mhix esklussiva għaliex hi sempliċement video platform;*

7. *Illi għalhekk, ma jirriżultax li r-rikorrenti ppruvaw, tal-anqas fuq bażi prima facie, li l-intimati jew min minnhom ikkupjaw jew użaw din it-teknoloġija esklussiva ta' MoneyCam għall-finijiet tal-prodott tagħhom Snapparazzi. Bid-dovut rispett, tali prova ma tressqitx u ma tista' qatt titressaq għaliex l-imsemmija teknoloġija mhix meħtieġa għall-prodott Snapparazzi!*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif tajjeb ingħad fir-rikors promotur, il-prodott tas-soċjeta' intimata ġie reklamat fis-suq u fir-rigward tiegħu nħarġet ICO b'ammont sostanzjali ta' flus li ġie miġbur mis-socjetà intimata in kwantu investimenti minn terzi fis-suq. Kwindi s-soċjetà intimata hi obbligata versu dawn it-terzi, inter alia sabiex tassenja t-tokens relattivi. Għalhekk, il-preġudizzju li ġia qed isofru l-intimati b'riżultat tal-fatt li l-mandat odjern ġie milqugħ provviżorjament u l-preġudizzju li se jkomplu jsofru l-intimati fl-agħar ipotesi li tali mandat jintlaqa' b'mod finali minn din l-Onorabbli Qorti hu ferm sproporzjonat a dannu tagħhom meta mqabbel mad-danni li allegatament se jsofru r-rikorrenti jew min minnhom f'każ li t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ma tintlaqax b'mod definittiv;*

9. *Illi ma jirriżultax li dan il-mandat hu meħtieġ sabiex jitħarsu d-drittijiet tar-rikorrenti, jew min minnhom, in kwantu xejn ma jidher li qiegħed iwaqqaf lir-rikorrenti, jew min minnhom, milli joħorġu l-ICO kif minnhom allegatament ippjanat. Bid-dovut rispett, it-talba tar-rikorrenti hi msejjsa fuq l-allegazzjoni frivola u inveritiera li l-oriġinalita' tal-prodott tagħhom m'għadhiex teżisti u li jista' jkun hemm effett ta' dilution fir-rigward tal-istess prodott. Però din hi biss allegazzjoni mhux ippruvata u mhux fattwali. Se mai, wieħed jistenna li r-rikorrenti jew min minnhom joħorġu l-ICO u jekk ir-riżultat ikun kif minnhom allegat ikollhom id-dritt li jressqu talba ghal danni, dejjem jekk jirnexxielhom jippruvaw dak minnhom allegat fir-rigward tal-qbija. Id-danni, jekk se mai jirriżultaw, huma kwantifikabbli u ghalhekk ikun jeżisti rimedju għall-istess rikorrenti. Għaldaqstant, m'hemm l-ebda preġudizzju irrimedjabbli x'jiġi soffert mir-rikorrenti jew min minnhom f'każ li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax b'mod definittiv it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif minnhom imressaq.*

> *Għaldaqstant, in vista tas-suespost, ma jissussistux l-elementi preskritti mill-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u għalhekk it-talbiet rikorrenti għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda li tressqu f’dawn il-proċeduri.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta’ Diċembru, 2018 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta’ inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Ir-rikorrenti qegħdin ifittxu li jinibixxu lill-intimati milli joffru, joħorġu, u/jew jassenjaw *tokens* lil terzi li jkunu ħallsu għalihom, fl-isfond tal-*Initial Coin Offering* marbut mal-prodott ‘Snapparazzi’; milli jkomplu jippubbliċizzaw, jikkummerċjalizzaw u/jew jiżviluppaw l-imsemmi prodott jew xi prodott li għandu l-istess funzjonijiet tiegħu; milli jużaw, jużurpaw u/jew iqassmu lil terzi dokumenti jew tagħrif miksub mir-rikorrenti rigward il-prodott ‘MoneyCam’; jew milli b’xi mod jivvjolaw l-obbligi fiduċjarji tagħhom fil-konfront tar-

rikorrenti; milli jużaw, jaċċessaw, u/jew jittrasferixxu l-assi, inkluż kontijiet bankarji u flus f'dawn il-kontijiet, appartenenti lis-soċjetà intimata; milli jużaw, jaċċessaw u/jew jittrasferixxu l-assi jew il-benefiċċji magħmula b'rabta mal-prodott 'Snapparazzi' u dan minħabba li s-soċjetà rikorrenti tgħid li qiegħda ssofri preġudizzju minħabba l-għemil doluż tal-intimati, li kienu fdati minnha b'informazzjoni marbuta mal-iżvilupp ta' teknoloġija bl-isem 'MoneyCam' u mal-iffaċilitar tan-negozju tagħha fis-suq bil-ħruġ ta' *Initial Coin Offering* da parti tas-soċjetà rikorrenti.

Is-soċjetà rikorrenti tilmenta mill-fatt li wara li ħadmet u għamlet studju dwar is-suq sabiex żviluppat din it-teknoloġija li ġiet irreġistrata bħala privattiva tagħha, u wara li ġew ingaġġjati minnha numru ta' persuni fosthom l-intimati sabiex jgħinuha tiżviluppa din il-pjattaforma diġitali, is-soċjetà intimata, li l-intimat Damien Larguey huwa direttur tagħha, ħarġet ukoll *Initial Coin Offering* għall-pubbliku, li permezz tagħha daħħlet introjtu konsiderevoli sabiex jintuża bħala kapital, u dan b'rabta mal-prodott li hi sejħitlu 'Snapparazzi' u li essenzjalment ukoll jinvolvi l-bejgħ ta' filmati miġbuda mill-utent ta' applikazzjoni partikolari fil-qasam tal-informatika, sabiex dawn jinbiegħu lill-kmamar tal-aħbarijiet u lill-midja soċjali. Is-soċjetà rikorrenti qiegħda tittenta twaqqaf lill-intimati milli jkomplu bl-*Initial Coin Offering* u milli jkomplu joffru l-prodott 'Snapparazzi' minħabba li skont hi dan il-prodott ġie kkuppjat abbużivament mingħandha, bl-użu ta' informazzjoni li d-direttur ta' Snapparazzi, Damien Larquey, kiseb waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol għas-soċjetà rikorrenti, u essenzjalment tallega li l-prodott 'Snapparazzi' huwa kopja tal-prodott 'MoneyCam' maħsub u żviluppat minnha. Is-soċjetà rikorrenti tgħid

li dan l-aġir jammonta għal ksur tal-obbligi kontrattwali bejn il-partijiet, kif ukoll għal ksur tal-obbligi fiduċjarji li kienu jirregolaw ir-relazzjoni ta' bejniethom, filwaqt li qalet li kien hemm serq u miżapproprjazzjoni tal-proprjetà intellettwali tagħha, ta' dokumenti kunfidenzjali u ta' ideat tagħha da parti tal-intimati li kienu fdati minnha biex jiffaċilitaw l-*Initial Coin Offering.* Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-prodott li qiegħed jiġi reklamat mill-intimati diġà attira investiment sostanzjali, u li dan kollu tellef in-negozjabbilità tal-prodott żviluppat minnha, li issa ma baqax prodott oriġinali fis-suq u għalhekk jista' jkun li ma jibqax ikun hemm interess fih mill-pubbliku li diġà ġie offrut prodott simili ieħor għal dak żviluppat minnha permezz tal-prodott 'Snapparazzi'. Filwaqt li s-soċjetà rikorrenti spjegat li hi għandha interess li l-intimati jaqdu l-imsemmija obbligi fiduċjarji tagħhom, u li jeżerċitaw ir-rimedji disponibbli għalihom, spjegat ukoll li ma' kull jum li jgħaddi u li fih l-intimati jitħallew joffru fis-suq il-prodott 'Snapparazzi' u jipproċedu bil-ġbir ta' kapital permezz tal-ICO, hija qiegħda ssofri '*dilution*' fil-prodott tagħha, b'danni kbar għaliha.

Is-soċjetà intimata min-naħa tagħha qalet li t-talba tar-rikorrenti hi frivola u vessatorja stante li m'hemm l-ebda ness ġuridiku bejn is-soċjetà rikorrenti u Snapparazzi Limited, u m'hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali jew kważi-kontrattwali bejn it-tnejn. Is-soċjetà intimata qalet li hi qatt ma ġiet ingaġġjata mis-soċjetà rikorrenti u qatt ma rċeviet ebda informazzjoni dwar il-prodott 'MoneyCam' la direttament u lanqas indirettament u li għalhekk m'hemm l-ebda obbligi fiduċjarji u obbligi oħra bejnha u bejn is-soċjetà rikorrenti. Fuq kollox sostniet li l-prodott 'Snapparazzi' hu prodott maħluq indipendentement mill-prodott 'MoneyCam', u li x-xogħol fuq 'Snapparazzi' beda fl-2017 u

għalhekk ferm qabel l-allegat 'serq' ta' informazzjoni mill-poter tas-soċjetà rikorrenti. Allegat ukoll li fis-suq jeżistu prodotti oħra simili għal dak tas-soċjetà rikorrenti, u li għalhekk il-prodott offrut minnha mhux wieħed oriġinali. Qalet ukoll li l-ħruġ ta' dan il-Mandat ser ifisser preġudizzju ferm akbar għaliha milli għas-soċjetà rikorrenti, u dan minħabba li hekk kif ħarġet l-*Initial Coin Offering* hi daħlet f'obbligi ma' terzi, *inter alia* sabiex jiġu assenjati t-*tokens* relattivi, u li bil-ħruġ ta' dan il-Mandat hemm ir-riskju li l-operat tagħha u r-reputazzjoni tagħha jintefgħu f'dell ikraħ. Sostniet ukoll li fil-preżent m'hemm xejn li għandu jwaqqaf lis-soċjetà rikorrenti milli tipproċedi bil-ħruġ tal-*Initial Coin Offering* tagħha kif maħsub.

L-intimat **Damien Larquey**, li hu direttur tas-soċjetà intimata Snapparazzi Limited, ukoll qal li t-talba tar-rikorrenti hi waħda frivola u vessatorja, u hi waħda li lilu qiegħda tirrekalu danni. Larquey eċċepixxa li hu ġie ingaġġjat b'mod dirett minn Hakim Bouri, u li fil-qadi tal-inkarigu tiegħu hu aġixxa b'mod indipendenti mit-terzi l-oħra msemmija fir-rikors promutur. L-intimat Larquey eċċepixxa li hu ma ħa l-ebda ħlas mingħand is-soċjetà rikorrenti u li bejniethom m'hemm l-ebda ftehim la verbali u lanqas skritt. Hu ċaħad li ġie a konoxxenza ta' *trade secrets* jew ta' xi informazzjoni kummerċjali sensittiva oħra relattiva għall-prodott 'MoneyCam', u li l-unika informazzjoni li hu kellu għad-dispożizzjoni tiegħu hi dik marbuta mal-*Initial Coin Offering* li kienet maħsuba li ssir mis-soċjetà rikorrenti. L-intimat Larquey sostna li l-prodott 'Snapparazzi' hu prodott maħluq indipendentement minn 'MoneyCam', u li hemm differenzi sostanzjali bejn iż-żewġ prodotti, filwaqt li qal li m'hemm l-ebda prova li hu kkopja jew uża l-istess teknoloġija ta' 'MoneyCam'. Qal ukoll li

l-obbligi li hu għandu fil-konfront ta' terzi qegħdin ipoġġuh f'sitwazzjoni fejn l-ħruġ ta' dan il-Mandat ser jissarraf fi preġudizzju irrimedjabbli għalih, u dan minħabba li t-*tokens* li kellhom jitħallsu lit-terzi li investew fl-*Initial Coin Offering* għadhom ma tħallsux lilhom.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur ippreżentat minnha, is-soċjetà rikorrenti esebiet kopja tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-privattiva tal-prodott żviluppat minnha taħt il-*Patent Cooperation Treaty,* liema reġistrazzjoni saret fit-18 ta' Marzu, 2016.[1] Din id-dokumentazzjoni tinkludi diversi dettalji dwar l-iżvilupp tal-prodott tagħha. Ġew ippreżentati wkoll diversi fatturi u rċevuti marbuta ma' żjajjar f'lukandi fil-Lebanon li saru fost l-oħrajn minn Damien Larquey, kif ukoll irċevuti għall-ħlas f'diversi ristoranti u servizzi simili.[2] Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat ukoll diversi konfermi li saru lilha minn **Bouri Hakim** għal ħlasijiet li dan ipperċepixxa b'rabta max-xogħol li wettaq fuq il-proġett bl-isem 'MoneyCam'.[3]

Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat ukoll kopja tal-*Memorandum & Articles of Association* tas-soċjetà intimata Snapparazzi Limited[4], minn fejn jirriżulta li fost l-għanijiet li din is-soċjetà twaqqfet għalihom wieħed isib:

[1] *A fol.* 8 *et seq.* tal-proċess.
[2] *A fol.* 42 *et seq.* tal-proċess.
[3] Kopji ta' dawn id-dikjarazzjonijiet ta' ħlas jinsabu *a fol.* 79 *et seq* tal-proċess.
[4] *A fol.* 88 tal-proċess.

> *"The company will raise funds via and ICO that will allow it to develop, market and provide a smart phone application that allows users to upload content of video or photo. The content will then be available for sale to the media and public client, whereby the content creator will be remunerated in crypto-currency in accordance with such permits or licences as may be required by law."*

Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat kopja tal-*Whitepaper* marbuta mal-*MoneyCam Coin* b'dettalji dwar il-prodott żviluppat minnha u l-mod kif dan jista' jitħaddem[5], kif ukoll kopja tal-*Whitepaper* marbuta mal-prodott '*Snapparazzi*'[6] li bl-istess mod fiha diversi dettalji dwar il-mod kif ser jitħaddem il-prodott żviluppat u mibjugħ mis-soċjetà intimata.

L-intimat **Damien Larquey** min-naħa tiegħu ppreżenta kopja ta' *quotation* kummerċjali maħruġa lilu minn LZine Business Solution (LBS) fir-rigward ta' servizzi li hu talab mingħandha b'rabta mal-akkwist ta' *software* mingħandha.[7]

Fl-udjenza tal-4 ta' Diċembru, 2018 xehed ir-rikorrent **Najib Abou Hamze**[8], li qal li hu ilu jaħdem fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet għal madwar tnejn u għoxrin sena, u li hu *Chairman* ta' diversi negozji fil-qasam tax-xandir u tat-telekomunikazzjonijiet. Ix-xhud qal li fis-sena 2013 hu beda jaħseb dwar proġett li permezz tiegħu jkun jista' jpoġġi l-aħbarijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod aktar effiċjenti u f'ħin reali, u għalhekk ġabar tim ta' impjegati miegħu sabiex dawn jibdew jaħdmu dwar kif jistgħu jirrealizzaw din l-idea. Qal li l-idea wara MoneyCam prinċipalment tinvolvi li l-utent jieħu ritratti jew filmati bl-iskop li jistgħu jiġu mxandra fuq sit tal-aħbarijiet, liema filmati jew

[5] *A fol.* 102 tal-proċess.
[6] *A fol.* 147 tal-proċess.
[7] *A fol.* 261 tal-proċess.
[8] *A fol.* 289 tal-proċess.

kontenut ikunu jistgħu jinxtraw mill-*media houses* bil-ħlas għalihom isir f’ħin reali. Ix-xhud qal li min-naħa tas-soċjetà rikorrenti saret riċerka sabiex jiġi stabbilit jekk il-prodott jistax jiġi rreġistrat bħala privattiva, u qal li l-privattiva għall-prodott ingħatat lis-soċjetà rikorrenti fis-sena 2017. Ix-xhud qal li fis-suq m’hemm l-ebda prodott ieħor simili għal dak maħluq mis-soċjetà rikorrenti, u spjega li minkejja li hemm prodotti bħal *YouTube* fis-suq, dawn huma teknikament u kummerċjalment differenti mill-prodott żviluppat mir-rikorrenti. Ix-xhud, li hu d-direttur u ċ-*Chairman* tas-soċjetà rikorrenti, qal li hu nefaq mal-miljun u nofs dollaru sabiex saru l-istudji, għall-ivvjaġġar, għar-reġistrazzjoni tal-privattiva u spejjeż oħra. Ix-xhud qal li kien hemm terza persuna li introduċieh ma’ Damien Larquey, li min-naħa tiegħu impenja ruħu li jaħdem fuq l-ICO sabiex ikun hemm il-finanzjament meħtieġ b’rabta ma’ dan il-prodott. Ġie spjegat li l-ICO hija offerta li ssir lill-pubbliku sabiex isir investiment fi prodott li jkun għadu ser jiġi mniedi, u li dan l-investiment ħafna drabi jsir bil-*cryptocurrencies* jew bil-*FIAT.* Il-kumpannija li tkun talbet dan it-tip ta’ investiment, sussegwentement toħroġ *tokens* lill-investituri. Ir-rikorrent qal li l-ingaġġ ta’ Larquey sar speċifikament sabiex tiġi żviluppata l-ICO, sabiex tiġi mnedija l-ICO u sabiex din tiġi *marketed,* fi ftit kliem, sabiex isir ix-xogħol kollu meħtieġ b’rabta mal-ICO. Ir-rikorrent kompla jgħid li biex sar dan ix-xogħol min-naħa ta’ Larquey, is-soċjetà rikorrenti kellha tpoġġi għad-dispożizzjoni tiegħu diversi dokumenti u informazzjoni b’dettalji kummerċjali speċifiċi, liema dokumenti kienu relatati max-xogħol kollu li sar b’rabta mal-iżvilupp tal-proġett ‘MoneyCam’ fuq medda ta’ snin. Ix-xhud qal li l-*WhitePaper* li ġiet abbozzata sabiex tintuża mill-investituri potenzjali, kienet

ġiet mgħoddija lil Larquey wkoll, wara li dan kien talab lil tiġi mgħoddija lilu. Qal ukoll li sa dakinhar li dan id-dokument ingħata lil Larquey, il-*WhitePaper* kienet għadha mhijiex dokument pubbliku. Ir-rikorrent kompla jgħid li Larquey m'onorax l-obbligi kontrattwali tiegħu u rrefera għal episodju speċifiku meta dan kien infurmah li kien mietlu missieru u għalhekk ma setax ilesti x-xogħol tiegħu kif kien mifthiem. Qal ukoll li hu ħassu komdu jagħti kopja tal-*WhitePaper* lil Larquey minħabba li dan ma kienx jaħdem fis-settur tat-telekomunikazzjoni, iżda fil-qasam tat-teknoloġija.

Kompla jgħid kif jum fost l-oħrajn, wieħed mill-inġiniera impjegat ma' waħda mis-soċjetajiet tar-rikorrent, kien ġibidlu l-attenzjoni li fis-suq kien ħareġ prodott bl-isem ta' 'Snapparazzi' li kien simili għall-kunċett 'MoneyCam' u li sa dak il-punt hu kien għadu ma jafx li Damien Larquey kien involut fi 'Snapparazzi'. Qal ukoll li hu kien ilu jinvesti u jagħmel riċerka fl-idea tiegħu 'MoneyCam' sa mill-2015, u b'reazzjoni għall-fatt li 'Snapparazzi' kitbet fil-*WhitePaper* tagħha li kienet ilha taħdem fuq il-prodott tagħha sa mis-sena 2017, hu kompla jgħid li kulħadd jista' jikteb li jrid f'*WhitePaper.* Ix-xhud ippreżenta wkoll dokument li juri d-differenzi ewlenin bejn Snapchat, YouTube, MoneyCam u Snapparazzi[9], u elenka fil-qosor id-differenzi ewlenin bejn dawn il-prodotti x'inhuma.

Ir-rikorrent qal li s-soċjetà rikorrenti intavolat it-talba tagħha għall-ħruġ ta' dan il-Mandat minħabba li d-danni li din qiegħda ssofri qegħdin jiżdiedu minn ġurnata għall-oħra. Qal ukoll li sa issa saret ħafna ħsara lill-investiment li

---

[9] *A fol.* 508 tal-proċess.

għamlet is-soċjetà rikorrenti, li sal-lum għadha ma setgħetx tniedi l-ICO fir-rigward tal-prodott ‘MoneyCam’ minħabba li s-soċjetà intimata nediet il-prodott tagħha qabel. Ir-rikorrent spjega li meta kumpannija tniedi prodott innovattiv, ikun hemm investituri li jridu jinvestu fiha. Ladarba s-soċjetà intimata nediet il-prodott tagħha qabel dak tas-soċjetà rikorrenti, dawk l-investituri li huma interessati f’dan is-settur, investew fil-prodott tas-soċjetà intimata. Kien biss wara li s-soċjetà intimata nediet l-ICO tagħha u ġabret investimenti sostanzjali mingħand l-investituri, li l-intimat Damien Larquey ikkuntattja lis-soċjetà rikorrenti u infurmaha li setgħet tipproċedi biex tniedi l-ICO tagħha, meta kien jaf li hu kien diġà ġabar ammont sostanzjali ta’ flus b’rabta mal-prodott li kien ser iniedi. Ir-rikorrent qal li minkejja dan, huwa għadu interessat li joħroġ l-ICO b’rabta mal-prodott tiegħu u dan minħabba li diġà investa ammont qawwi ta’ flus f’dan il-prodott, u laħaq irreġistra l-privattiva tiegħu. Ikkonferma li l-prodott ‘Snapparazzi’ laħaq ġie mniedi mill-intimati, u li dan il-fattur qiegħed jikkaġunalu danni inġenti, l-aktar minħabba li l-prodott maħsub mir-rikorrenti m’għadx għandu l-element ta’ kompetittività bħala prodott oriġinali. Ir-rikorrent qal li l-intimati m’għandhom l-ebda privattiva rreġistrata, u li l-proġett tagħhom hu bbażat fuq il-*WhitePaper* tar-rikorrenti. Allega li effettivament l-intimati bidlu l-isem tal-prodott, filwaqt li kkupjaw l-idea u l-kunċett tan-negozju tar-rikorrenti u għamluh tagħhom.

Għad-domandi li sarulu mid-difensur tal-intimati, ix-xhud qal li sa fejn jaf hu, Larquey kien impjegat ta’ Hakim, u li l-ħlasijiet mir-rikorrenti kienu jsiru direttament lil Hakim. Qal ukoll li l-idea li tinħareġ ICO kienet proposta lilu minn Hakim fil-bidu tas-sena 2017 għalkemm esprima l-possibilità li din

setgħet ġrat qabel. Qal ukoll li r-reġistrazzjoni tal-privattiva saret fis-sena 2017, u li hekk kif saret din ir-reġistrazzjoni, il-prodott tiegħu ġie protett. Ix-xhud qal li mingħajr l-ICO, il-prodott tiegħu xorta waħda jista' jitpoġġa fis-suq, għalkemm dan ikun ifisser li jridu jinkisbu sorsi ta' kapital oħrajn għall-proġett. Kompla jgħid li minkejja li l-prodott żviluppat minnu jista' jiġi mniedi billi jitpoġġa fis-suq, il-vijabbilità tal-proġett tirrikjedi finanzjament kontinwu. Qal ukoll li hu fetaħ proċeduri legali kontra l-persuni li serqulu l-ideat, il-privattiva il-proċess, u li issa jrid jistenna l-eżitu tal-proċess ġudizzjarju qabel jara x'ser jagħmel bil-proġett tiegħu. Ix-xhud ikkonferma wkoll li meta sar l-ingaġġ ta' Damien Larquey, il-prodott 'MoneyCam' kien diġà beda jiġi żviluppat. Ir-rikorrent spjega wkoll li filwaqt li l-prodott 'MoneyCam' jaħdem billi l-utent juża applikazzjoni teknoloġika ta' 'MoneyCam' biex jieħu l-filmat jew ir-ritratt, u meta dan jintbagħat lil 'MoneyCam', l-utent ma jibqax sid ta' dak il-kontenut irreġistrat, il-kunċett ta' 'Snapparazzi' jaħdem billi l-utent jieħu filmat jew ritratt b'tagħmir tiegħu mingħajr il-ħtieġa li jkollu xi applikazzjoni partikolari għal dan. Madanakollu qal li din hi differenza żgħira meta hemm diversi fatturi li huma simili jew l-istess bejn iż-żewġ ideat. Qal ukoll li hemm differenza oħra minħabba li persuna li tibgħat filmat lil MoneyCam titħallas f'ħin reali, wara li *moderator* jivvaluta dak il-filmat jew kontenut, filwaqt li fil-każ ta' Snapparazzi, il-prezz tal-kontenut mibjugħ ma jiġix stabbilit bl-użu ta' applikazzjonijiet teknoloġiċi. Ġie spjegat ukoll li differenza oħra bejn iż-żewġ prodotti hi li filwaqt li 'MoneyCam' tiġġenera d-dħul mill-bejgħ tal-filmati lill-midja, fil-każ ta' 'Snapparazzi', din tiġġenera l-introjtu tagħha biss mir-reklamar. Ir-rikorrent qal li minkejja li ġew stabbiliti dawn id-differenzi, essenzjalment il-kunċett taż-

żewġ prodotti jibqa' l-istess, dak li jinbiegħ kontenut irreġistrat lill-*media houses.* Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li s-soċjetà rikorrenti għamlet mandat ta' sekwestru fuq il-kontijiet tal-intimati, minn fejn irriżulta li dawn għandhom biss tmien Euro (€8) fil-kontijiet tagħhom. Qal ukoll li l-pretensjoni tar-rikorrenti f'dan l-istadju hi għall-ammont kollu li ġabru l-intimati meta ħarġu l-ICO tagħhom, jiġifieri għall-ammont ta' għoxrin miljun dollaru. Ir-rikorrent ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li hu sar jaf bl-iżvilupp tal-prodott u tal-kunċett 'Snapparazzi' minħabba li xi ħadd ġibidlu l-attenzjoni li dawn kienu żviluppaw prodott bl-istess idea li hu kien ilu jirriċerka u jaħdem fuqha snin. Qal ukoll li kieku kien jaf li Larquey kien qiegħed jaħdem fuq proġett b'idea simili għal dik tiegħu, ċertament li ma kienx jingaġġjah biex jaħdem fuq l-ICO tas-soċjetà rikorrenti.

Fl-istess udjenza xehed **Lakshmi Ashi**[10], li spjega li hu involut fis-settur finanzjarju u bankarju fir-Renju Unit, u li aktar kmieni din is-sena hu kien ġie mgħarraf min-naħa tas-soċjetà rikorrenti li kien hemm delungar fir-rigward tal-kuntratti li saru b'rabta mal-proġett 'MoneyCam'. Ix-xhud spjega li hu sar jaf li kien ġie żviluppat kunċett simili għal 'MoneyCam', u li s-soċjetà Snapparazzi kienet nediet ICO sabiex tiġbor l-investiment meħtieġ. Qal li kien sorpriż ħafna meta sar jaf li l-persuna wara 'Snapparazzi' kienet l-istess persuna li kienet ġiet ingaġġjata biex taħdem fuq il-proġett 'MoneyCam.' Ix-xhud qal li mill-verifiki li għamel, irriżultalu li s-soċjetà intimata kienet ġabret madwar għoxrin miljun dollaru wara li nediet l-ICO. Ix-xhud qal li l-investiment sar permezz ta' trasferimenti bankarji, bi flus kontanti f'muniti diversi jew inkella permezz ta'

[10] *A fol.* 510 tal-proċess.

*crypto currencies* bħalma hi l-Bitcoin. Qal ukoll li meta min-naħa tas-soċjetà rikorrenti kien hemm tentattiv biex jiġu ssekwestrati l-assi tal-intimati, kulma nstabu kienu €8.15 f'kont bankarju miżmum fil-Litwanja.

Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud ikkonferma li hu imsieħeb fin-negozju ma' Najib Hamze, u qal ukoll li Hakim Bouri wkoll kien sħab ma' Hamze fin-negozju. Ix-xhud ikkonferma li l-idea li titnieda l-ICO kienet ta' Bouri, li kien ħa ħsieb li jingaġġja tim ta' persuni li kellhom jaħdmu fuq l-ICO u li dawn kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-informazzjoni kollha marbuta mal-prodott li rriċerkat u żviluppat is-soċjetà rikorrenti. Ix-xhud qal li Najib Hamze kien qiegħed ipoġġi flejjes għad-dispożizzjoni ta' Bouri sabiex dan ikun jista' jħallas lill-persuni ngaġġjati minnu. Ix-xhud qal li r-rwol tiegħu kien li jassigura li titwaqqaf kumpannija fir-Renju Unit, li jara li din tiġi rreġistrata, u li jkun hemm il-finanzjament u l-faċilitajiet bankarji f'posthom sabiex tkun tista' tiġi mniedija l-ICO. Qal ukoll li hu m'għandux għarfien tekniku, u li kien għalhekk li ġew ingaġġjati tim ta' persuni minn Hakim minħabba li kellhom bżonn dan l-għarfien sabiex setgħu jniedu l-prodott. Ix-xhud speċifika li l-*WhitePaper* inkwistjoni kienet rilevanti kemm għall-prodott, kif ukoll għall-ICO, għall-*crowd sale agreement,* għall-*private sale agreement* u li dak kollu li sar għall-ICO sar għall-prodott ukoll. Ix-xhud speċifika li Hakim kien ingaġġjat biex,

> *"They were engaged for the ICO, for the smart contracts, the technology behind the smart contracts, advertising, and basically A to Z for the ICO and the main delays were from the outside."*

Ix-xhud qal li sakemm is-soċjetà rikorrenti ġiet infurmata bl-eżistenza tas-soċjetà intimata u bil-persuni li hemm warajha, kienet għadha qiegħda tittama li l-intimati jikkonkludu x-xogħol li ġew ingaġġjati biex jagħmlu. Qal ukoll li laħaq sar investiment sostanzjali da parti tar-rikorrenti u għalhekk m'hemmx il-ħsieb li jiġu ingaġġjati terzi biex jagħmlu x-xogħol fuq l-ICO li kellu jsir minn Larquey. Ix-xhud ġie mistoqsi dwar in-natura tad-danni li r-rikorrenti qegħdin jippretendu mingħand l-intimati, u jekk dawn id-danni jikkonsistux f'irkupru ta' flejjes minfuqa rigward il-proġett 'MoneyCam', jew inkella dawn humiex danni konsistenti fi profitti li setgħu saru minn 'MoneyCam' iżda li minflok għamlithom is-soċjetà intimata. Ix-xhud wieġeb li r-rikorrenti m'għandhomx problema bil-fondi għall-proġett tagħhom, u li m'hemm xejn li qiegħed iwaqqaf lis-soċjetà rikorrenti milli tniedi l-ICO tagħha, għalkemm ikkonferma li d-danni li qiegħda tippretendi s-soċjetà rikorrenti huma danni marbuta mal-profitti li ġew iġġenerati mis-soċjetà intimata meta dawn suppost li ġew iġġenerati mis-soċjetà rikorrenti. Ix-xhud spjega s-sitwazzjoni b'dan il-mod:

> "*Whatever these guys have raised, they've raised it on the blatant theft of our idea, on the blatant theft of the business concept, and if they'd done a good job they would have raised more than what they've already raised because we would have had the backing, we would have had the finances to do this.*"

Mitlub jispeċifika min huma l-investituri fil-prodott tas-soċjetà rikorrenti jew liema huma l-fondi disposti li jinvestu fihom, ix-xhud irrifjuta li jwieġeb billi qal li din hi informazzjoni protetta taħt il-liġi dwar il-protezzjoni tad-data. Ix-xhud qal ukoll li hu ma jafx min huma l-investituri tas-soċjetà intimata, u li dik hi r-raġuni għaliex ma jridx jiżvela ismijiet ta' investituri fil-Qorti bil-miftuħ. Ix-xhud

ikkwantifika d-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' aktar minn għoxrin miljun dollaru. Hu kompla jgħid li s-Sur Najib investa ħafna ħin u flus sabiex irreġistra l-privattiva dwar il-prodott tiegħu, u l-fatt li hemm soċjetà oħra li nediet prodott li hu prattikament identiku għal dak żviluppat mis-soċjetà rikorrenti ser ikollu effett *domino* fuq is-suq. Qal li huwa biss meta xi ħadd iniedi proġett b'idea ġdida u friska li jista' jiġi attirat l-investiment. Ix-xhud qal li s-soċjetà rikorrenti qatt ma ġiet infurmata li l-intimati kellhom il-ħsieb li jniedu proġett u prodott simili fis-suq. Qal ukoll li l-profitti kollha ġġenerati mill-intimati sa issa setgħu ġew ipperċepiti mis-soċjetà rikorrenti li kieku din leħqet nediet il-prodott tagħha qabel s-soċjetà intimata.[11]

Ix-xhud qal li l-aġir tal-intimati f'dan in-negozju kien skandaluż, u li dawn aġixxew b'mod frawdolenti billi abbużaw mir-reputazzjoni ta' pajjiż bħal Malta. Qal li l-marġini ta' profitt li kellha f'moħħha li tagħmel is-soċjetà rikorrenti kien ferm akbar minn għoxrin miljun dollaru. Kompla jgħid iżda li issa l-idea u l-proġett tas-soċjetà rikorrenti sfat idea tas-sekonda klassi, u li dan ser iħalli impatt ukoll fuq il-pubbliku in ġenerali li seta' juri interess fil-prodott tas-soċjetà rikorrenti.

Fl-udjenza tal-4 ta' Diċembru, 2018 xehed ukoll **Adih Tohmi**[12] li qal li huwa avukat ġewwa l-Lebanon u New York u professur tal-liġi u tal-ekonomija fl-istess pajjiżi. Qal ukoll li hu għandu uffiċini ġewwa Beirut, New York u Dubai, u

[11] Fi kliem ix-xhud, "*We have worked with professional bodies for raising this, we have worked with accountancy firms, bankers and lawyers alike as partners, working partners and had the most professional manner and you know it would have been far, far, far greater than Snapparazzi. Because of this, whatever they've raised should have been, would have been our funds if we was doing the offering. That is very important.*"
[12] *A fol.* 537 tal-proċess.

li hu kien ġie inkarigat mis-Sur Najib sabiex jipprepara d-dokumenti legali kollha marbuta mal-ICO tas-soċjetà rikorrenti. Ix-xhud qal li l-aktar dokument importanti huwa l-*WhitePaper* li hu tip ta' *prospectus* li jinħareġ qabel il-ħruġ ta' ICO. Ix-xhud ikkonferma li flimkien ma' assistenti tiegħu hu kien involut fit-tħejjija ta' din il-*WhitePaper,* u li din fiha parti teknika, il-parti marbuta mal-*marketing* u l-aspett legali, li kienet l-aktar parti li ffoka fuqha hu. Qal li hu kkoordina x-xogħol tiegħu ma' impjegati tas-soċjetà rikorrenti u mal-avukati tagħha. Ix-xhud qal li d-dokument abbozzat kellu bżonn xi modifiki u li hu rah u reġa' rah għal madwar sitt darbiet u dan sabiex id-dokument ikun konformi mal-liġi. Qal ukoll li kien hemm persuni oħra ingaġġjati mir-rikorrenti u li wkoll irrevedew dan id-dokument qabel kien iffinalizzat. Ix-xhud qal li f'dan il-mument is-soċjetà rikorrenti ma tistax tniedi l-ICO tagħha u dan minħabba li laħqet tnediet ICO oħra fis-suq. Qal li dan kollu kkaġuna dannu lir-reputazzjoni tas-soċjetà rikorrenti. Qal li f'dan il-qasam, min iniedi l-prodott l-ewwel ikollu vantaġġ fuq ħaddieħor. Qal ukoll li hemm kompetizzjoni inġusta fis-sens li l-*WhitePaper* tas-soċjetà intimata hi kopja ta' dik maħruġa mis-soċjetà rikorrenti, bl-istess kunċetti u ideat. Ix-xhud qal li x-xogħol fuq il-*WhitePaper* min-naħa tiegħu kien lest f'Settembru tas-sena 2018.

Fl-istess udjenza xehed ukoll l-intimat **Damien Larquey**[13], li qal li hu beda jaħdem fuq il-kunċett li eventwalment evolva fi 'Snapparazzi' f'Settembru tas-sena 2017. Qal li dak iż-żmien hu kien qiegħed ifittex kumpannija li tista' tgħinu bis-sistema tal-informatika fil-qasam tal-*block chain* u li kien sab kumpannija speċjalizzata għalhekk f'Dubai (Lzine). Qal li wara li beda jaħdem fuq il-prodott

[13] *A fol.* 546 tal-proċess.

tiegħu, hu kien ġie avviċinat minn Hakim Bouri f'Ottubru jew f'Novembru tal-2017, li kien għarrfu li kien qiegħed jaħdem fuq *crypto project* f'Dubai. Ix-xhud qal li hu speċjalizzat fil-qasam tal-informatika, b'involviment fil-*crypto currencies*, u li jaħdem ukoll bħala *software developer.* Ix-xhud kompla jgħid li Hakim Bouri kien qallu li hemm il-ħsieb li titnieda ICO għal 'MoneyCam', u li bejn il-partijiet ma kien ġie ffirmat l-ebda ftehim rigward l-ingaġġ tiegħu mas-soċjetà rikorrenti. Qal ukoll li hu qatt ma kien jitħallas fil-ħin minn 'MoneyCam', u li kien għalhekk li hu beda jżomm għalih ix-xogħol li jkun lesta għas-soċjetà rikorrenti, sabiex jassigura li l-ewwel jitħallas qabel jirrilaxxja x-xogħol. L-intimat qal li x-xogħol li kien qiegħed jaħdem fuqu għal Snapparazzi ma kellu x'jaqsam xejn mal-proġett ta' 'MoneyCam', u li bi 'Snapparazzi' hu kien qiegħed jagħmel użu minn *open source technology* li għaliha m'hemmx għalfejn reġistrazzjoni tal-privattiva minħabba li l-kunċett jista' jiġi kkupjat u riprodott minn kull persuna li għandha aċċess għall-*website*. Ix-xhud qal li minkejja li MoneyCam allegat li hi għandha l-privattiva tal-prodott u tal-idea tagħha, kien hemm kumpannija li ħarġet b'idea simili fir-Renju Unit lura fl-2011, bl-isem ta' New Frail.com. Ix-xhud qal li hemm differenzi fundamentali bejn 'MoneyCam' u 'Snapparazzi', u li filwaqt li 'MoneyCam' taħdem billi l-utent jagħfas buttuna u jibgħat il-kontenut, video jew ritratt, lejn is-*server* f'ħin reali, fil-każ ta' 'Snapparazzi' wieħed irid iniżżel l-applikazzjoni ta' 'Snapparazzi' fuq il-*mobile* tiegħu, u jibgħatha lejn il-*website* ta' 'Snapparazzi' mingħajr ma jkollu l-applikazzjoni. Ix-xhud qal li hu baqa' jagħmel xogħol għas-soċjetà rikorrenti sa Ottubru ta' din is-sena. Qal ukoll li s-soċjetà Snapparazzi Limited ġiet irreġistrata f'Malta fid-19 ta' Ġunju ta' din is-sena, filwaqt li l-ICO infetħet

fl-14 ta' Settembru ta' din is-sena, bil-ħsieb li l-investimenti jibqgħu jintlaqgħu sal-14 ta' Novembru, 2018. Qal li sa issa s-soċjetà intimata ġabret mat-tmintax-il miljun fi *cryptocurrency,* u li dawn l-investituri kollha sa issa għadhom ma ngħataw l-ebda *token* minħabba li ġew intavolati dawn il-proċeduri. L-intimat spjega li l-ICO kienet ġiet issiġillata f'Ġunju jew f'Lulju ta' din is-sena b'mod privat, filwaqt li l-offerta għall-pubbliku ħarġet f'Settembru bil-ħsieb li din tagħlaq f'Novembru. Huwa qal li l-fatt li sa issa ma ngħata l-ebda *token* lill-investituri qiegħed iwassal għal diversi suspetti u xnigħat li qegħdin jixxerrdu anki fuq il-midja soċjali, li Snapparazzi tista' tkun kumpannija li qiegħda taġixxi b'mod frawdolenti. L-intimat spjega li hemm differenzi bejn 'MoneyCam' u 'Snapparazzi', konsistenti fil-fatt li biex persuna ttella' *video* fuq 'MoneyCam' din trid tkun l-ewwel aċċessat l-applikazzjoni ta' 'MoneyCam', filwaqt li 'Snapparazzi' tagħmel użu minn *videos* li jistgħu anki jiġu *posted* fuq is-sit tagħha. Qal li l-utent jaqla' l-flus permezz tar-reklami li jidhru fuq il-*video* tiegħu. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, l-intimat qal li d-differenza ewlenija qiegħda fil-privattiva, fil-mod kif isir il-bejgħ tal-*video,* u fil-mod kif dan jintuża fuq l-applikazzjoni. Ix-xhud qal li filwaqt li hu kien il-persuna li ħolmot b'dan il-proġett, fil-verità kellu tim ta' nies li kienu qegħdin jagħmlu xogħol fuq il-*WhitePaper.* Qal ukoll li l-kontenut imtella' fuq is-sit ta' 'Snapparazzi' jista' jinxtara mill-*media houses* għalkemm qal ukoll li dan l-aspett huwa parti żgħira mill-proġett żviluppat minnu. L-intimat allega li hu kien il-persuna li abbozzat il-*WhitePaper* għal 'MoneyCam'. Qal li sabiex tiġi mnedija ICO wieħed irid ikollu tal-inqas *website* u *whitepaper.* Ix-xhud ikkonferma li hu ffoka fuq aspett żgħir tal-*WhitePaper* fir-rigward tal-

*cryptocurrency* u l-ħruġ tat-*tokens.* L-intimat qal li hu ltaqa' mas-Sur Najib darbtejn, f'Jannar u f'April tal-2018, u qal li huwa kien involut biss fl-aspett tal-*block chain* tal-proġett u mhux fil-prodott marbut mal-investiment. Qal li wara kollox jekk negozju marbut mal-*cryptocurrency* ma jirnexxix, dik ma tkunx problema tiegħu. L-intimat ikkonferma li hu qatt ma żvela lit-tim ta' 'MoneyCam' li hu kien qiegħed jaħdem fuq prodott u proġett għal rasu 'Snapparazzi' għaliex ma ħassx li kien fl-interess tagħhom li jkunu jafu b'dan, u dan minkejja li hu kien qiegħed jirċievi u kellu għad-dispożizzjoni tiegħu diversi dokumenti marbuta ma' 'MoneyCam'. L-intimat ikkonferma li hu kellu f'idejh anki r-*roadmap* ta' 'MoneyCam' u kien jaf bil-ħsieb tagħha li din toħroġ l-applikazzjoni fis-sena 2021. Mistoqsi dwar il-kapital li attirat is-soċjetà intimata, ix-xhud qal li, *"we are close to eighty million"* (valuta fi *cryptocurrency*). L-intimat qal li flus kontanti ġew iġġenerati mal-mija u ħamsin elf dollaru, u li dawn intużaw b'rabta mal-ġestjoni tan-negozju, biex isiru ħlasijiet lill-impjegati u għall-ħlas ta' kontijiet. L-intimat ikkonferma li hu kellu d-dettalji kollha dwar il-mod kif ser jaħdem il-proġett ta' 'MoneyCam' u kellu d-dettalji tekniċi kollha dwar kif il-proċess kellu jaħdem. Ix-xhud qal li hu ntalab jipprovdi servizzi speċifiċi minn Hakim Bouri lill-ICO ta' 'MoneyCam', u li hu ma kienx il-*project manager.* Ix-xhud qal li safejn jaf hu, hu ta x-xogħol kollu li kien ingaġġjat biex jaħdem fuqu lil MoneyCam, u li l-ICO marbuta ma' dan il-proġett tista' tinħareġ. Ix-xhud ikkonferma li sa madwar ġimgħa qabel inbdew dawn il-proċeduri, hu kien qal lis-soċjetà rikorrenti li setgħet tipproċedi bit-tnedija tal-ICO tagħha, għalkemm jonqos xi xogħol f'dan ir-rigward. Fi kliem ix-xhud,

> *“They have their smart contract, they have the website ... and I don’t made online their website. They have the white paper. They don’t have only white paper I tell them to put a team becasue they don’t have a team as Mr Najib don’t want to be on the team of Moneycam so they need to finish to build their basis of MoneyCam and to launch their markets ... If you don’t try to sell it on the market you will not sell it and if you don’t begin to launch market you will not.”*

L-intimat qal li safejn jaf hu, huwa għadda lis-soċjetà rikorrenti l-materjal kollu li huwa kien tħallas għalih. Huwa kkonferma wkoll li safejn jaf hu l-prodott ‘Snapparazzi’ ġie żviluppat minnu qabel ġie avviċinat minn ‘MoneyCam’ u li l-prodott tiegħu ġie żviluppat minnu indipendentement mix-xogħol li għamel għal ‘MoneyCam’. Ikkonferma wkoll li fiż-żmien kollu li dam jikkorrispondi ma’ diversi esponenti mis-soċjetà rikorrenti, hu qatt ma żvela li kien qiegħed jaħdem fuq prodott simili jew fuq prodott li kien intiż għal *videos* u għall-*media.*

Il-Qorti ħatret lill-espert tekniku **Anthony Vassallo** sabiex jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi wara li jieħu konjizzjoni tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet fil-kawża. B’mod speċifiku l-espert tekniku ġie mitlub jirrelata dwar jekk il-prodott tar-rikorrenti ‘MoneyCam’ u l-prodott tal-intimati Snapparazzi humiex simili għal xulxin, u b’liema mod huma simili, u jekk l-*end users* ta’ dawn il-prodotti jistgħux jitfixklu prodott minn ieħor.[14]

L-espert tekniku maħtur mill-Qorti fir-rapport tiegħu kkonstata illi:

> “l-għan aħħari taż-żewġ sistemi, MoneyCam u Snapparazzi huwa simili u dan hu li persuni komuni jkunu jistgħu, bl-apparat tagħhom stess (bħal *smartphones* jew

[14] Kopja tar-rapport *a fol.* 580 tal-proċess.

> *tablets*), jiġbdu filmati, ritratti jew awdjo sabiex dawn ikunu jistgħu jiġġeneraw profitt. Dan il-profitt jinqasam bejn il-persuna u l-kumpannija li toffri s-servizz."

L-espert tekniku seta' jikkonstata li kemm 'MoneyCam' kif ukoll 'Snapparazzi' jħaddnu dan l-istess kunċett fl-operat tagħhom u fil-mod kif iħallsu lill-persuni li jaqsmu l-kontenut magħhom. L-espert tekniku Anthony Vassallo kkonstata wkoll illi l-mod kif l-utent aħħari jkun jista' jiġbed dawn il-*media files* ukoll huwa simili. Madanakollu l-espert tekniku elenka xi differenzi bejn iż-żewġ prodotti, u dan minħabba l-fatt illi fil-każ ta' 'MoneyCam' ladarba l-*media file* jiġi ttrasferit, dan immedjatament jitħassar minn fuq l-apparat tal-individwu, filwaqt li mhux ċar jekk dan hux il-każ ukoll fir-rigward ta' 'Snapparazzi'. Hemm differenza wkoll fil-mod kif jiġi ġġenerat il-profitt għall-individwu, li fil-każ ta' 'MoneyCam' dawn il-profitti jiġu minn individwi li jixtru l-*media files* u jaqsmu l-profitti mal-kumpanniji li jipprovdu servizz ta' data, filwaqt li l-profitti għall-individwu jiġu stabbiliti minn tim li jiffissa prezz għal kull *file* li jinbiegħ. Dan il-prezz jitħallas permezz ta' *cryptocurrency* jew xi forma ta' ħlas elettroniku ieħor. Fil-każ ta' Snapparazzi, il-profitt għall-kumpannija ġej mill-bejgħ ta' reklami jew tal-*media files* lil terzi. Fiż-żewġ sistemi, il-ħlasijiet isiru bil-*cryptocurrency.* Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, l-espert tekniku kkonstata illi għalkemm iż-żewġ sistemi inkwistjoni ġew maħluqa biex iservu l-istess għan, dan jagħmluh b'mudelli differenti. Jgħid li filwaqt li 'MoneyCam' ġiet imwaqqfa għal għadd ta' abbonati li lesti li jħallsu għal servizz mingħajr riklami, fil-każ ta' 'Snapparazzi' din hi mmirata għal utenti aħħarin li lesti li jikkunsmaw ammont ta' reklami però mingħajr ħlas. Hu kkonkluda billi qal li

filwaqt li hemm għadd ta' similaritajiet bejn iż-żewġ prodotti, dawn mhumiex immirati għall-istess kategorija ta' *end users.*

Ġew esebiti wkoll kopja tal-mandat ta' sekwestru li sar mis-soċjetà rikorrenti fejn ir-rikorrenti kkawtelat ruħha fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin miljun Euro (€25,000,000), kopja tar-rendikont tal-kont bankarju ta' Snapparazzi Limited fil-bank bl-isem 'UAB Mistertango fil-Litwanja', kif ukoll kopja tal-kontromandat għall-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-Mandat.

Skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora*;[15]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et *vs.* Carmelo Barbara et**[16]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn

[15] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech pro et noe *vs. Stephanie* Manfré** – Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.
[16] P.A., 13.05.2014.

il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb et noe *vs.* Marin Hili et noe** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".

Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan *et*** (Rikors Nru. 3984/92) u **Victor Mizzi *vs.* Joseph Gasan *et*** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited**;[17]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[18] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

---

[17] P.A., 28.01.2005.
[18] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa’ talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta’ Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li “jidher”, fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t’għajn li għandu raġun, jiġifieri b’mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b’mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa’ fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta’ din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x’inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta’ dritt, anke jekk din tista’ ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi esplicitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[19];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[20]

[19] P.A., 25.01.2005.
[20] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[21]

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti, minkejja li dawn huma proċeduri għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fejn id-deċiżjoni li trid tittieħed minnha trid tkun ibbażata fuq dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn, semgħet u kkonsidrat ix-xhieda estensiva li ngħatat f'dawn il-proċeduri, kif ukoll id-diversi dokumenti u provi oħra li ġew imressqa mill-partijiet fl-atti ta' dan il-Mandat. Mill-provi jirriżulta li Damien Larquey għamel xi żmien jaħdem fl-interess tas-soċjetà rikorrenti, u f'dan iż-żmien ingħata l-libertà kollha li jaħdem u ġie pprovdut b'dettalji u informazzjoni kummerċjali sensittiva li s-soċjetà rikorrenti jidher li kienet ilha żmien taħdem fuqhom qabel żviluppat il-prodott 'MoneyCam' bl-ispeċifikazzjonijiet partikolari tiegħu. Larquey ġie ngaġġjat tramite terzi biex ikun jista' jiżviluppa l-pjattaforma għall-ħruġ tal-*Initial Coin Offering* li permezz tagħha toħroġ offerta għall-pubbliku biex jiġi ffinanzjat il-proġett propost mill-kumpannija, u dan bl-iskop li din tiġġenera l-kapital li għandha bżonn biex tħaddem il-proġett.

Jirriżulta minn dak li semgħet il-Qorti u mill-provi prodotti quddiemha, li Larquey kellu f'idejh l-informazzjoni sensittiva kollha li ħadmet fuqha s-soċjetà rikorrenti għal għadd ta' snin, u rriżulta wkoll permezz anki ta' dak li qal Larquey stess waqt id-depożizzjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri, li hu fl-ebda

[21] **Marica Cassar et *vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

punt ma ħass il-ħtieġa li għandu jinforma lis-soċjetà rikorrenti li kien qiegħed jaħdem fuq prodott simili għal dak żviluppat minnha, anki jekk b'xi differenzi żgħar, però l-kunċett hu essenzjalment l-istess, u l-aktar ħaġa importanti, li l-finanzjament għal dan il-proġett tiegħu kien maħsub li jinkiseb bil-ħruġ ta' ICO għall-pubbliku, liema ICO inħarġet qabel dik tas-soċjetà rikorrenti. Dan kollu sar minkejja li l-proġett tas-soċjetà rikorrenti kien irreġistrat u kopert bi privattiva. Anki jekk Larquey ma kienx impjegat tas-soċjetà rikorrenti, *prima facie* jidher li s-soċjetà rikorrenti għandha jedd li tipproteġi l-prodott maħsub u żviluppat minnha b'kull mod, mhux biss bir-reġistrazzjoni tal-privattiva, iżda wkoll billi tassigura li persuni ngaġġjati minnha, anki jekk tramite terzi, sabiex jipprovduha b'xi servizz, jagħmlu dan *in massima buona fede*, u b'ħarsien sħiħ tal-obbligi fiduċjarji li relazzjoni ta' dik ix-xorta timponi fuqhom. Larquey naqas li jindika l-kunflitt ta' interess li kellu fejn min-naħa l-waħda kien qiegħed joffri servizz u konsulenza lis-soċjetà rikorrenti f'perijodu li fih hu wkoll kien qiegħed jaħdem u jfassal prodott prattikament identiku, għajr għal xi partikolaritajiet tekniċi, għal dak tagħha, u għalhekk naqas milli jinforma lis-soċjetà rikorrenti li hu kien kompetitur tagħha, jekk mhux bil-ħolqien ta' prodott identiku għal tagħha, bil-mod kif kien maħsub li jinkiseb il-finanzjament għalih bil-ħruġ ta' ICO.

L-unika prova li Larquey ressaq in sostenn tal-pretensjoni tiegħu li hu kien beda jaħdem fuq il-prodott 'Snapparazzi' lura fl-2017, kienet *quotation* li hu jgħid li kiseb għal servizzi informatiċi u ta' *software* li kien jeħtieġ biex jiżviluppa l-prodott tiegħu. Madanakollu dan id-dokument imkien ma jispeċifika l-*quotation* għal xiex kienet tirreferi b'mod speċifiku, u imkien

m'hemm deskrizzjoni tal-prodott li ntalbet għalih. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li filwaqt li Larquey kien ingaġġjat biex jipprovdi servizzi speċifiċi lis-soċjetà rikorrenti, liema servizzi ġew pprovduuti b'ħafna delungar da parti tiegħu, fejn ingħataw diversi raġunijiet fosthom problemi familjari u mewt fil-familja, madanakollu fl-istess waqt l-intimat sab ħin biex jaħdem fuq il-proġett tiegħu u biex jikkonkludi x-xogħol meħtieġ sabiex setgħet titnieda l-ICO b'rabta mal-prodott 'Snapparazzi'. Dan kollu jindika, almenu minn dak li jidher *ictu oculi,* li l-intimat ma mexiex b'fedeltà fil-konfront tas-soċjetà intimata u naqas milli josserva l-obbligi fiduċjarji imposti fuqu, kemm meta naqas li jindika li hu kien kompetittur potenzjali tas-soċjetà rikorrenti, kif ukoll meta naqas milli jipprovdi x-xogħol mitlub minnu fil-ħin. Xhieda ta' dan il-Qorti rat id-diversi *emails* u *Whatsapp chats* esebiti, li jagħtu indikazzjoni tat-tip ta' komunikazzjoni li kienet għaddejja bejn il-partijiet fir-rigward u r-risposti li kien qiegħed jagħti l-intimat. Jirrizulta li minkejja li s-soċjetà rikorrenti imxiet u aġixxiet skont normi stabbiliti fl-industrija u fin-negozju, mhux l-istess għamel l-intimat, li minkejja li ċaħad li hu b'xi mod uża l-għarfien tekniku jew kummerċjali li poġġiet għad-dispożizzjoni tiegħu s-soċjetà rikorrenti, ma jistax jiċħad li din l-informazzjoni, partikolarment l-istudji kummerċjali dwar ix-xejriet fis-suq u d-domanda li hawn fl-industrija għat-tip ta' servizz maħluq u pproġettat mis-soċjetà rikorrenti, swewlu ħafna, partikolarment tenut kont li dawn l-istudji u riċerka saru minn kumpannija li tħaddem għadd ta' persuni professjonisti fil-qasam, u jidher li nvestiet somom ta' flus sostanzjali sabiex żviluppat l-idea tagħha.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll id-differenzi żgħar li hemm bejn il-kunċett 'MoneyCam' u l-kunċett 'Snapparazzi', u mad-daqqa t'għajn jidher li għalkemm iż-żewġ kunċetti mhumiex identiċi, madanakollu l-idea ewlenija warajhom hi l-istess, u ċioè dik li jittieħdu filmati li jistgħu jkunu jinteressaw lill-kmamar tal-aħbarijiet u lis-siti soċjali, u jsir ħlas għalihom lil min jiġbidhom. Filwaqt li 'MoneyCam' żviluppat it-teknoloġija kollha sabiex dan il-proċess isir prattikament f'ħin reali, bit-tlugħ tal-*video* u l-ħlas għalih isiru prattikament fi ftit ħin, il-proċess ta' 'Snapparazzi' jinvolvi proċess li teknoloġikament hu inqas sofistikat, iżda l-kunċett ewlieni jibqa' l-istess, il-ġbid ta' filmati li jistgħu jitqiesu ta' interess għall-media soċjali u l-bejgħ tagħhom bi qligħ għall-utent. Ġie kkonsidrat ukoll li l-intimati wżaw l-informazzjoni li kisbu waqt li kienu qegħdin jipprovdu s-servizz tagħhom lir-rikorrenti bi gwadann personali għalihom, billi żviluppaw il-prodott 'Snapparazzi' u nedew l-ICO relattiva għalih qabel laħqu għamlu dan ir-rikorrenti, u li dan sar bi ksur tal-obbligi fiduċjarji tagħhom imposti fuqhom bil-liġi. Hu in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha li l-Qorti tqis li s-soċjetà rikorrenti għandha jedd li tipproteġi l-proprjetà intellettwali tagħha b'kull mod u minn kull tip ta' abbuż jew manipulazzjoni, u li mad-daqqa t'għajn jirriżulta li hemm dan il-jedd, bħal ma jidher *prima facie* li l-intimati abbużaw mir-rwol tagħhom bi gwadann personali għalihom. Dan imur kontra l-prattiċi tajba fin-negozju u jista' jammonta għal ksur tal-Att dwar is-Sigrieti Kummerċjali.

Jifdal hekk li jiġi mistħarreġ l-element tal-preġudizzju irrimedjabbli. Il-Qorti kkonsidrat li s-soċjetà rikorrenti ġabet prova dokumentarja ta' diversi flejjes minfuqa b'rabta mal-iżvilupp tal-prodott MoneyCam, flimkien mal-fatt li dan il-

prodott għadu ma ġietx imniedi fis-suq u mal-fatt li minkejja li jidher li l-*groundwork* tlesta kollu, l-ICO tas-soċjetà rikorrenti għadha ma ħarġitx minħabba li s-soċjetà intimata laħqet nediet l-ICO tagħha. Kien fid-dawl ta' dan li s-soċjetà rikorrenti ħasset li b'din il-manuvra hi tilfet il-*competitive edge* li kellha b'rabta mal-oriġinalità tal-prodott tagħha, tilfet ammont sostanzjali mill-investiment li wara studji li għamlet dwar ix-xejriet fis-suq, kellha l-aspettattiva leġittima li kienet ser tattira lejha, u f'dan l-istadju kellha tieħu d-deċiżjoni li tissospendi t-tnedija tal-ICO tagħha minħabba li ħasset li t-tnedija tal-ICO tas-soċjetà intimata kellha impatt qawwi fuq il-vijabbilità tal-prodott żviluppat minnha. Il-Qorti qieset li d-dannu soffert mis-soċjetà rikorrenti ma jistax jiġi kkwantifikat f'dan l-istadju, minħabba l-ħin investit fuq ir-riċerka li saret, l-istudji dwar ix-xejriet fis-suq, l-investiment f'persuni u servizzi maħsuba biex jgħinu fit-tnedija ta' dan il-prodott fis-suq, ix-xogħol li sar b'rabta mal-ICO, u l-ipprospettar finanzjarju li sar da parti tas-soċjetà rikorrenti li qabel ġraw dawn l-avvenimenti kollha ħadet il-prekawzjoni li tirreġistra l-privattiva tagħha sabiex tassigura li l-prodott tagħha jkun imħares proprju minn dawn it-tip ta' abbużi. Huwa minnu li sar mandat ta' sekwestru kawtelatorju mis-soċjetà rikorrenti fejn ġew speċifikati d-danni għall-iskopijiet tal-mandat, madanakollu l-Qorti qieset ukoll il-volatilità tas-sitwazzjoni finanzjarja li qegħdin joperaw fiha l-partijiet, il-fatt li dawn qegħdin jinnegozjaw bi *cryptocurrencies* u u b'assi li jistgħu jiġu ttrasferiti minn sit għall-ieħor fi ftit sekondi, u qieset li l-preġudizzju li din is-sitwazzjoni ħolqot għas-soċjetà rikorrenti jkun wieħed irrimedjabbli f'każ li l-intimati ma jiġux inibiti kif mitlub. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li jeżistu l-elementi maħsuba fil-liġi sabiex it-talba tas-

soċjetà rikorrenti tiġi milqugħa, imma naturalment dan qiegħed jintqal biss għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri stante li se jkun hemm proċeduri ġudizzjarji separati li jridu jiddeċiedu dwar il-kwistjoni fil-mertu.

## Decide

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti tilqa' b'mod definittiv it-talba tas-soċjetà rikorrenti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, billi żżomm lill-intimati milli joffru, joħorġu, u/jew jassenjaw *tokens* lil terzi li jkunu ħallsu għalihom, fl-isfond tal-*Initial Coin Offering* marbut mal-prodott imsejjaħ 'Snapparazzi' offrut u kummerċjalizzat mis-soċjetà konvenuta, milli jkomplu jippubliċizzaw, jikkummerċjalizzaw u/jew jiżviluppaw il-prodott tagħhom bl-isem 'Snapparazzi' jew xi prodott li għandu l-istess funzjonalitajiet tiegħu, milli jużaw, jużurpaw u/jew iqassmu lil terzi dokumentazzjoni jew tagħrif miksub minn għand ir-rikorrenti b'mod dirett u/jew indirett fir-rigward tal-prodott tar-rikorrenti magħruf bħala 'MoneyCam' jew b'xi mod ieħor jivvjolaw l-obbligi fiduċjarji tagħhom fil-konfront tar-rikorrenti, milli jużaw, jaċċessaw, u/jew jittrasferixxu l-assi, inkuż kontijiet bankarji, kemm fiżiċi kif ukoll elettroniċi, (inklużi *wallets*) u l-flus (kemm f'FIAT u f'*e-money*) f'dawn il-kontijiet, appartenenti lis-soċjetà intimata, jew li qed jinżammu f'isem is-soċjetà intimata, u milli jużaw, jaċċessaw u/jew jittraferixxu l-assi jew il-benefiċċji magħmula inkonnessjoni mal-prodott 'Snapparazzi'.**

**Spejjeż ta' dan il-mandat a karigu tal-intimati.**

Mogħti kameralment fis-27 ta' Diċembru, 2018.